Minuti tal-laqgħa numru sittax (16) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet nhar it-Tlieta, 9 ta' Ġunju 2020 fis-6.00 pm fuq skype.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Omar Farrugia | Sindku |
| | Grace Marie Zerafa | Viċi Sindku |
| | Henry Zaffarese | Kunsillier |
| | Owen Sciberras | Kunsillier (daħal fis-6.30pm) |
| | Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ (ħareġ fis-6.45pm) |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Jonathan Dingli | Kunsillier (bagħat sms lid-DSE) |

## 16.01 Talba

Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

## 16.02 Qari ta' Ittri ta' apoloġiji

Jonathan Dingli bagħat SMS lid-DSE li ma setgħax ikun magħna minħabba xogħol. Huwa kien skużat b'vot unanimu.

## 16.03 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti

Il-minuti kienu meħuda bħala moqrija peress li kienu pprovduti lill-kunsillieri minn qabel u dawn sarulhom il-korrezzjonijiet minn Grace Marie Zerafa u fuqhom saru wkoll dawk tas-Sindku. Omar Farrugia ippropona u ssekondat Grace Marie Zerafa u dawn għaddew unanimament.

**Punti mill-minuti:**

B'riferenza għall-**kaxxa s-safra** quddiem *garage* fi Triq il-Parroċċa, il-kunsillieri talbu bil-miktub l-interpretazzjoni tal-liġi jekk fiha jistax jipparkja is-sid tad-dar li jkollu l-vettura reġistrata fuq dak il-font.

Il-Kunsill kien kuntent illi l-*planning gain* li qed iħallas **Unique Construction** issa dieħla fid-*Development fund*. Biex dawn jiġu rkuprati, l-KLM irid jagħżel proġett biex bih ikun jista' jippreżentah fi ħdan l-

Awtorita' tal-Ippjanar li għandha l-kustodja ta' dan il-font. Id-DSE ta proposta li l-KLM kien diġa' iddiskuta sa mill-bidu ta' din il-leġislatura – il-bankini ta' Triq Karmenu Ciantar.

Grace Marie Zerafa talbet li ssir insistenza sabiex il-*Lands Authority* jagħtuna risposta dwar it-talba li kien għamel il-KLM biex jivverifika jekk l-**art meħuda mill-Każin tal-Futbol** li għalquha b'*fence* hix pubblika jew le.

### 16.04 Vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv

Dwar ir-rakkomandazzjoni ta' **Fabian Mizzi** għal SE, Omar Farrugia qal illi hu infurmat illi propju għada l-*file* se jgħaddi mingħand il-Public Service Commission għall-uffiċċju tal-Ministru. Kien hemm qbil illi Fabian Mizzi jkun mistieden fil-laqgħa li ġejja tal-KLM. Is-SE kif ikollu risposta dwar il-ħatra ta' Fabian Mizzi, se jagħmel it-talba biex isir **interim audit** filwaqt li qabel mar-rakkomandazzjoni tal-KLM li jibqa' jservi ta' DSE.

### 16.05 Il-kuntratt ma' Callus Garden Centre biex isir ix-xogħol elenkat fil-proġett *Green Infrastructure* – Gal Xlokk (By-pass)

Is-Sindku tkellem dwar il-kuntratt iffirmat ma *Callus Garden Centre* biex ikun attwat il-proġett tal-**Green Infrastructure.** Hu qal illi kien **i**kkordina laqgħa mal-Għaqda Siġar Maltin, il-Perit Matthew Briffa, u l-kuntrattur John Callus u d-DSE, fis-sit, u kien hemm qbil illi ssir talba formali biex is-siġar tal-lewż proposti li fil-fatt ma jħaddrux matul is-sena kollha, jinbidlu ma' siġar tal-ballut. Is-Sur Callus se jkun qed jestendi l-proġett sal-ġnien tal-Mentna għaliex l-uniku sors ta' ħażna tal-ilma jinsab taħt l-art fil-ġnien tal-Mentna biex kien iforni 'l-kaskata. Is-Sindku qal li s-Sur Callus offra li jieħu ħsieb ukoll ir-roundabout tal-Mentna, kemm bħala tisbiħ kif ukoll manutenzjoni u tisqija.

### 16.06 L-evalwazzjoni tal-Offerta pubblika tal-manutenzjoni u kisi tat-toroq.

Il-Kunsill għadu se jibda l-evalwazzjoni ta' din l-offerta pubblika.

### 16.07 L-approvazzjoni tal-Financial Statements 2019 uditjati.

Id-DSE informa lill-KLM illi Nexia BT għadhom ma tawniex l-**Audited Financial Statements 2019** Għad-domanda ta' Grace Marie Zerafa illi dan kien nuqqas tal-KLM illi ma tax l-informazzjoni fil-ħin, id-DSE ma qabilx għaliex Nexia BT baqgħu jistaqsu l-istess domandi mingħajr ma lanqas biss għamlu żjara fl-uffiċċju kif is-soltu jsir. Intant, l-Accountant ġibid l-attenzjoni ta' Nexia BT illi dawn id-domandi / tagħrif ez dwar il-budget ma kienx se jaffettwa l-*Financial Statement 2019.*

### 16.08 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti numru 575

L-iskeda tal-pagamenti kienet imressqa għall-vot mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku u din kienet approvata b'vot unanimu.

## 16.09 Cir AKL 2020/049 Kilometri ta' spazji pubbliċi b'rotot għall-mixi, ċiklizmu u spazji mitfuħa għar-residenti żgħar u kbar fil-lokalitajiet tagħna

Dwar il-proposta bl-isem **Slow Street** li ġejja mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, is-Sindku qal illi hemm seminar dwar dan fil-lukanda Salina, speċifikament għar-Reġjun Nofsinhar. Grace Marie Zerafa qalet illi m'għandniex nikkommettu ruħna f'każ li jkun hemm il-proposta li **tingħalaq il-Pjazza tal-Knisja**. Hija semmiet il-laqgħa li spiċċat biha is-Sindku preċedenti fejn din il-proposta ma kienet niżlet xejn tajjeb mar-residenti għax minkejja li tista tkun tajba kemm tkun, il-KLM iħoss li dawn m'humiex ippreparati għaliha.

## 16.10 Talba mid-dipartiment tal-libreriji pubbliċi biex il-Kunsill Lokali tal-Imqabba jalloka somma ta' flus (ta' madwar Eur800)

Owen Sciberras qal illi ħafna mit-tubi tad-dwal tal-**librerija** inbidlu mid-Direttorat tal-Edukazzjoni. Hu żied jgħid illi hemm 'unit' li mhux jiffunzjona u ieħor bil-*perspex* imxaqqaq. Kien hemm qbil illi jinxtraw b'Euros 1,000 f'kotba ġodda inkluż kotba li jkunu tajbin għal tfal bid-dislexia. Se jsiru l-arranġamenti sabiex il-librerija terġa' tinfetaħ mill-ġimgħa d-dieħla. Se ssir talba lis-CEO tal-MIA biex dawn jagħmlu donazzjoni ta' kotba jew fondi biex jinxtraw kotba addizzjonali.

## 16.11 Performance Report 2019 mid-Dipartiment Gvern Lokali.

Id-DSE semma' r-**rapport** li wettaq id-Dipartiment Gvern Lokali dwar l-indafa fir-raħal. Hu qal illi dan hu tajjeb ħafna u l-KLM f'kull qasam mar aħjar min-*national average mark*. Dan ir-rapport se jkun imwieġeb kif ġejna mitlubin skont kif rakkomandat mid-DSE li qal li jinsab għat-*typing.*

F'dan il-waqt il-KLM iddiskuta s-**sitwazzjoni tal-knis**. Hawn id-DSE qal illi l-kuntratt fih 2080 siegħa fis-sena, allura ekwivalenti għal kiennies wieħed 40 siegħa fil-ġimgħa. Grace Marie Zerafa qalet illi s-servizz mhux suffiċjenti għaliex il-kennies mhux ilaħħaq. Kien hemm min saħansitra ilmenta illi l-istess kuntrattur illi għandu wkoll is-servizz tal-ġbir tal-iskart u anke tal-iskart goff, intlemaħ iwaddab skart goff fit-trakk tal-ġbir tal-iskart domestiku.

## 16.12 Wasteserv Malta proposta ta' ftehim dwar l-iskart organiku

Se jkun iffirmat il-ftehim kif sar fil-passat minn meta nbeda jinġabar l-iskart organiku f'Malta kollha.

## 16.13 Korsijiet tal-Computer minn Horizon 2000

Is-suġġett ma kienx eżawrit

**Punti Oħra**

(i) Il-KLM iddeċieda illi jerġa' jiftaħ il-**latrina pubblika** hekk kif isiru t-tħejjijiet biex ikunu installati s-*sanitizer* u jittieħdu l-miżuri imposti mill-Awtoritatjiet tas-Saħħa minħabba l-pandemija tal-*Covid 19.* Din se tinfetaħ *b'direct order* minn-Carmena ????

(ii) Kien innutat li **bank viċin il-Mużew tal-bniet** għadu mkebbeb bl-*istretch and seal* u / jew xi nota li tgħid illi ma jista' jpoġġi ħadd fuqu, anke issa li nfetħu l-bibien kollha wara l-Covid 19.

(iii) Omar Farrugia tkellem dwar is-**CCTV ta' quddiem iċ-ċimiterju** fi Triq Ħal Kirkop li qed tissalvagwardja l-kontenituri tal-*bring-in-site.* Hu qal li dawn dalwaqt se jkollna aċċess għal filmati direttament fil-KLM.

(iv) Omar Farrugia tkellem ukoll dwar il-**Kunsill taż-Żgħażagħ** li s'issa għadu ma ltaqax. Hu qal illi dawn se jlaqqagħhom dalwaqt.

(v) Il-KLM ikkunsidra x-xogħol tal-ħaddiema. Dwar il-ħaddiema tal-Kunsill, tal-RSS u tal-*OZO Group* qed isirlhom il-**programm tax-xogħol** li ntbagħat mid-DSE mal-agenda lill-kunsillieri u dawk klerikali se jkun mwaqqfa mit-**telework** mil-15 ta' Ġunju 2020 'l quddiem.

(vi) Omar Farrugia informal ill-KLM illi waqt ix-xogħlijiet fi Triq Santa Katerina kantuniera mal-Pjazza tal-Knisja **nstab culvert antik**. Is-Sovratendenza għall-Patrimonju Kulturali ġibdet l-attenzjoni tagħha u waqqfet ix-xogħolijiet li issa marru xi tliet ġimgħat lura. Hu żied jgħid illi għada se jittieħdu ir-ritratti u se jsir *survey* fuq is-sit.

(vii) Omar Farrugia qal illi saritlu talba biex jitpoġġew l-**imwejjed u s-siġġijiet** mis-Soċjeta' Santa Marija quddiem il-bieb tal-każin u oħra biex jitħaffru tliet **toqbiet** oħra quddiem l-istess sede tas-soċjeta'. L-istess talba saret ukoll minn sid ir-*Remissa Bar*. It-talbiet ma ntlaqgħux b'vot unanimu għaliex trid tiġi l-ewwel u qabel kollox issalvagwardjata s-saħħa ta' kull individwu. Issemma' illi f'każ ta' incident, il-KLM jidħol f'responsabbilita' minħabba ħruġ ta' permessi.

(viii) Omar Farrugia ressaq għad-diskussjoni x-xogħlijiet tat-**tħaffir fil-blat** biex ikun kostruwit il-ġibjun il-ġdid. Hu qal illi waqt li kien hemm il-kuntrattur għaddej bit-tħaffir, kien hemm madwar tlettax-il familja illi bdew jaraw konsenturi fil-propjeta' tagħhom. Issejaħ l-

ġeologu Adrian Mifsud, il-Perit William Lewis u l-Perit Rebecca Grech. Intbagħtet ittra uffiċjali mill-Ministeru u jidher li issa kkalmat il-biċċa minkejja li saru t-testijiet taċ-ċaqlieq tal-*Monitor*. Grace Marie Zerafa qalet illi kien hemm *meeting* u n-nies lanqas kienu jafu biss li l-proġett mhux tal-KLM.

(ix) Omar Farrugia ressaq għad-diskussjoni x-**xogħlijiet fit-Triq tan-Nofs** fejn qal li hemm xi kubetti baxxi u oħrajn għoljin. Hu qal li se jsir test dalwaqt u mhux se nħallu lin-nies jaqgħu fiha minħabba xi difetti li jista' jkun hemm.

(x) Grace Marie Zerafa qalet illi **Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kantuniera ma Triq Valletta** qed iżżomm l-ilma f'ġiebja kbira u hija perikoluża f'ħafna xita f'daqqa, bħalma kellna dan l-aħħar. Dan għaliex meta tegħreq ħadd mhu se jinduna bil-bankini sporġuti għal nofs it-triq għax bl-ilma ma jkunux jidhru.

(xi) Għall-proposta tas-Sindku illi l-**kuntratt tal-ġonna** jinħadem mill-ħaddiema tal-RSS, intqal li se jkollna nixtru mutur tal-ħart u jibda' jinkera l-*bowser.* Għaldaqstant ma jkunx għaqli li dan jinħadem minnhom għaliex aħjar joħroġ il-kuntratt tal-ġonna pubbliċi. Hawn qamet diskussjoni jekk jaqbilx wieħed *full time* jew inkella tnejn *part time*. Id-DSE se jipprepara d-*draft* tat-tender.

(xii) Omar Farrugia tkellem dwar l-**appell 376/19/ PA 3347/16 ta' Pompa tal-Petrol fi Triq Valletta**. Hu qal illi minn proposta għal tneħħija ta' ħdax-il siġra, dawn issa niżlu għal tliet siġriet u għandhom l-approvazzjoni tal-ERA li jistgħu jinqalgħu dawn it-tliet siġriet. Hu qara l-ittra li bagħtilna Dr Ian Stafrace datata 9 ta' Ġunju 2020. Il-KLM se jibqa' newtrali u d-DSE qal illi fl-ebda' ħin matul il-leġislatura l-oħra issemma' formalment il-periklu bin-nar tal-festa. Il-KLM iħoss li jekk l-ERA ma toġġezzjonax dwar is-siġar, la hija l-Awtorita kompententi, għandna nimxu ma' dik id-direzzjoni.

(xiii) Omar Farrugia qal illi ġie avviċinat mis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju illi dawn se jaħarqu n-**nar nhar il-21 ta' Ġunju** fil-*by-pass*. Hu qal illi talbuh biex jintrama' bar. Id-DSE saħaq li ssir it-talba b'mod formali għaliex l-organizzazzjoni ta' attivita' ta' aktar minn 75 ruħ xorta hija projbita mid-Dipartiment tas-Saħħa. Barra minn hekk, permessi jinħarġu għal kabbani u mhux *bars.* Ma kienx hemm direzzjoni ċara mill-Pulizija dwar dan kollu.

(xiv) Omar Farrugia tkellem dwar Triq il-Konvoj ta' Santa Marija fejn hemm bżonn li **tittieħed l-art b'*expropriation* viċin il-Maypole biex tiġi service road sħiħa**. Hawn issemma' l-bżonn li jkun hemm *enforcement* sabiex ma jibqgħux jitħallew trakkijiet tar-*ready mix* ipparkjati sakemm ix-xufier jidħol jixtri ħobża.

(xv) Grace Marie Zerafa ilmentat minn **sprall fi Triq il-Fjuri** li qed 'jagħqad' u l-ilma qiegħed livellat u m'għandux pendil. Hija pproponiet illi l-KLM ikellem lill-Perit Audrey Attard biex naraw jekk jistax jitranġa mingħajr ma terġa' titkisser it-triq.

(xvi) Grace Marie Zerafa staqsiet dwar l-emendi li kienet għamlet fir-**Rapport Amministrattiv 2019**. Id-DSE qal illi għamel l-emendi kollha fit-*test* u dawn qiegħdin għat-*typing u s-setting* għand l-iskrivana.

(xvii) Henry Zaffarese semma' l-problema li għandna li ma nafux jekk hux se nibbenefikaw mill-iskema tal ***cat feeders***. Id-DSE fl-aħħar jiem reġa' bagħat *e-mail* lid-dipartiment Gvern Lokali u dawn qalulu illi din l-iskema kienet tad-dipartiment li jieħu ħsieb is-saħħa tal-annimali.

(xviii) Henry Zaffarese semma' l-bżonn li jkun rimedjat il-fatt illi t-***toilets* tal-latrina pubblika** huma għoljin ħafna għat-tfal. Hu ssuġġerixxa li dawn issirilhom speċi ta' tarġa biex mingħajr ma jitkissirx madum u t-toilets f'latrina ġdida u b'hekk it-tfal ikunu xorta waħda moqdija.

(xix) Owen Sciberras talab biex il-*manhole* tad-**drenaġġ fi Triq tas-Sejba** ma tibqax tfur sikwit u d-drenaġġ ma jibqax ifawwar fl-għelieqi peress li ħafna mill-bdiewa jilqgħu l-ilma tax-xita tat-toroq fil-bjar tagħhom. Din tinsab ftit 'l isfel minn dak li jsewwi is-*silencers* tal-vetturi.

(xx) Grace Marie Zerafa semmiet il-***manhole* tad-drenaġġ** li trid issirilha manutenzjoni u li tinsab fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Dwar dan kien hemm diversi komunikati mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

(xxi) Owen Sciberras talab li ssir **lampa ġdida f'Wesgħet l-Isptar il-Qadim** biswit Triq San Innoċenzju. Hu qal illi l-ispiża hija waħda limitata għaliex diġa' jeżisti arblu tad-dawl li din tista' titwaħħal miegħu.

(xxii) Owen Sciberras semma' l-problemi ta' nuqqas ta' parkeġġ fi **Triq il-Friefet** għaliex qal li hemm ħafna tulijiet ta' ***double yellow lines* żejda**. F'dan il-waqt is-Sindku semma' wkoll it-talba li għamlu xi residenti biex isiru il-kaxxi tal-parkeġġi fi Triq Ħal Kirkop. Hu qal illi fiehem lir-residenti illi b'dan il-mod se jonqsu l-parkeġġi għaliex il-kaxxi kollha jsiru l-istess qies.

(xxiii) Owen Sciberras irrefera għal-**lampa tat-toroq quddiem il-PL Club** lampa li għandha d-dawl isfar. Hu qal ukoll illi biswit in-*New Life Bar*, hemm fanal dekorattiv li mhux imqabbad. Is-Sindku wieġbu illi dan se jitqabbad bħala parti mill-proġett tal-Pjazza tal-Knisja billi jieħu l-elettriku minn taħt it-triq.

(xxiv) Owen Sciberras semma' inċident maż-**żaqq ta' Triq Valletta kantuniera ma' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija**. Hu talab li tintbgħat komunikazzjoni lill-Infrastruttura Malta biex temporanjament ipoġġu xi sinjali viżibbli mil-bogħod għas-sewwieqa.

(xxv) OwenSciberras talab illi fil-Pjazza tal-Knisja jitpoġġa ***tape*** **milli jixhel, biex ir-rampi tal-*wheelchairs* ikunu jidhru differenti mit-triq,** cioe' fejn il-bankina tmiss mat-triq peress li l-materjal tal-lava hu kollu kulur wieħed u faċilment wieħed jieħu sieq fil-vojt. Dan qalu għal speċjalment Triq id-Duluri kantuniera ma Triq il-Madonna tal-Ġilju.

(xxvi) Owen Sciberras talab li jitpoġġa ftit **lastiku/materjal ieħor fuq it-tappiera fil-karreġġjata fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija viċin Triq il-Murselli,** fejn għad irid jitpoġġa it-tieni saff ta' qatran. Hu iddeskriviha bħala waħda li qed tħabbat ħafna u qed tkun ta' skumdita' għar-residenti.

## 16.14 Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jkun imiss

Il-laqgħa spiċċat tliet siegħat wara u l-KLM se jiltaqa' nhar il-15 ta' Lulju 2020 fis-6.00pm fl-uffiċini Muniċipali.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 15.7.2020 minn Omar Farrugia

Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku